

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tas-6 ta' Mejju 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Corte suprema di cassazione – l-Italja) – Blumar SpA (C-415/19), Roberto Abate SpA (C-416/19), Commerciale Gicap SpA (C-417/19) / Agenzia delle Entrate

(Kawża magħquda C-415/19 u C-417/19) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Għajnuna mogħtija mill-Istati – Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tiddikjara skema ta' ghajjnuna kompatibbli mas-suq intern – Leġiżlazzjoni nazzjonali li teskludi l-possibbiltà li tingħata ghajjnuna taħt l-iskema awtorizzata f'każ ta' nuqqas ta' osservanza ta' kundizzjoni mhux prevista fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni)

(2020/C 287/27)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

### **Qorti tar-rinviju**

Corte suprema di cassazione

### **Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Blumar SpA (C-415/19), Roberto Abate SpA (C-416/19), Commerciale Gicap SpA (C-417/19)

Konvenuta: Agenzia delle Entrate

### **Dispożittiv**

L-Artikolu 108(3) TFUE, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2008) 380 tal-25 ta' Jannar 2008, "Għajjnuna mill-Istat N 39/2007—L-Italja—Kreditu ta' taxxa għall-investimenti l-ġoddha fiż-żoni żvantaġġati", u l-prinċipju ta' proporzjonalità għandhom jiġi interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li bis-saħħa tagħha l-ghajjnuna taħt l-iskema ta' ghajjnuna stabbilita minn dan l-Italja Membru u awtorizzata minn din id-deċiżjoni huwa suġġett għal dikjarazzjoni tal-applikant li tħid li huwa ma bbenefikax minn ghajjnuna ddikjarata illegali u inkompatibbli mill-Kummissjoni Ewropea, li huwa naqas milli jirrimborsa jew milli jqiegħed fkont ibblukk, anki jekk huwa ma jkunx ġie suġġett għal talba għal ir-kupru u minkejja l-fatt li l-imsemmija deċiżjoni ma tipprevedix espressament tali rekwiżit.

(¹) ĠU C 328, 30.09.2019.

### **Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tat-2 ta' April 2020 – International Tax Stamp Association Ltd (ITSA) vs Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawża C-553/19 P) (¹)

(Appell – Artikolu 181 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet – Manifattura, preżentazzjoni u bejgħ ta' prodotti tat-tabakk u ta' prodotti relatati – Twaqqif u tħaddim ta' sistema ta' traċċabbiltà tal-prodotti tat-tabakk – Regolament delegat u atti ta' implimentazzjoni – Rikors għal annullament – Ammissibbiltà – Ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE – Nuqqas ta' inċidenza direta – It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 256(1) TFUE – L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 168 (1)(d), u Artikolu 169(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Assenza ta' identifikazzjoni preċiża tal-punti ta' motivi kkritikati tas-sentenza appellata u ta' argumenti legali speċifiċi insostenn tal-appell – Argumenti intiżi sabiex jinkiseb mill-Qorti tal-Ġustizzja sempliċi eżami mill-ġdid tal-argumenti ppreżentati fl-ewwel istanza – Appell manifestament inammissibbli)

(2020/C 287/28)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### **Partijiet**

Appellanti: International Tax Stamp Association Ltd (ITSA) (rappreżentant: F. Scanvic, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: I. Rubene u C. Valero, aġenti)